MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 170/1996/1

Citazzjoni numru 170/1996

Giocchino sive Jack Bugeja u b'digriet tat-3 ta' Lulju 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Josef Bugeja, iben Giocchino u Theresa nee' Vella u ta' Theresa Bugeja mart Giacchino bhala legittima rapprezentanta ta' binha minuri Anthony George bin l-istess Joachim u Theresa nee' Vella stante l-mewt ta' l-attur fil-mori tal-kawza

-vs-

Francis Attard

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut kien inkariga lill-attur sabiex jaghmel xoghol ta' tahmil u skavazzjoni fic-cimiterju tal-Parocca tax-Xewkija,

Ghawdex, fl-inhawi maghrufa bhala “tal-barmil” fix-Xewkija.

Illi ghalkemm il-konvenut ghamel xi pagamenti akkont ghadu dovut lill-attur bilanc ammontanti ghall-elf, seba’ mija u disgha u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1799.25) mill-kont originali ta’ tlett elef hames mija u erbgha u erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3544.25) (Dok A).

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenut naqas li jhallas dan id-debitu.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenut huwa debitur fil-konfront ta’ l-attur fis-somma ta’ elf seba’ mija u disgha u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1799.25) jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti l-bilanc tal-hlas dovut ghax-xoghol fuq imsemmi.

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont hekk stabbilit flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji spediti fis-6 ta’ Awissu 1994, fl-24 ta’ Awissu 1994, fil-5 ta’ Novembru 1994, fid-19 ta’ Settembru 1995, fid-9 ta’ Jannar 1996 u ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Mejju 1996.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata minnu akkompanjanti l-elenku tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Attard fejn eccepixxa:

Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar kif provdut fl-artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari l-konvenut m’ghandu jaghti xejn lill-attur tax-xoghol imsemmi fic-citazzjoni billi huwa halsu ta’ dan ix-xoghol u halsu aktar milli fil-fatt kellu dritt ghalih.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata minnu flimkien mal-elenku tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat il-verbal tal-udjenza quddiem din il-Qorti diversament preseduta li fiha gie nominat l-Avukat Aaron Attard Hili bhala perit legali;

Rat folio 17 rikors tal-partijiet, maghmul konguntivament, fejn talbu n-nomina tal-AIC Joseph Dimech u ta’ Ganni Bonnici liema rikors baqa’ ma gie qatt finalment iddegretat.

Rat id-digriet taghha folio 35 fejn ordnat t-trasfuzjoni tal-gudizzju stante l-mewt fil-mori tal-kawza tal-attur u dan fit-termini tat-talba fir-rikors folio 33;

Rat fol 45 ir-rikors ta’ l-Avukat Aaron Attard Hili, gja nominat perit legali, li fih informa li stante l-hatra tieghu ta’ Assistent Gudizzjarju ma setghax ikompli fl-inkarigu ta’ Perit Legali;

Rat id-digriet relattiv taghha tad-9 ta’ Dicembru 2003;

Rat l-verbal taghha tal-25 ta’ Mejju 2004 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat:

L-ewwel u qabel kollox, li relattivament ir-rikors a folio 17, li sar referenza ghalih aktar ‘il fuq, ghandu jigi puntwalizzat li fil-kors tal-proceduri ‘l fuq imsemmi Gianni Bonnici ma jirrizultax li ha xi sehem f’din il-kawza tant li

ma jiffigura fl-ebda verbal redatt mill-perit legali u lanqas fir-relazzjoni esebita fl-atti, folio 38, li jidher li giet ifformulta mill-AIC Joseph Dimech u mahlufa biss minnu. Issa ghal kull bon fini u ghall-kompletezza tal-proceduri l-Qorti kif illum preseduta qeghdha tirrevoka kull inkarigu tal-imsemmi Gianni Bonnici fil-waqt li tammetti r-relazzjoni tal-AIC Dimech daqs li kieku kien gie kkonfermat formalment bhala l-uniku perit tekniku nominat fil-kawza; fuq kollox dan huwa fatt inferit mhux biss mid-digriet ta' din il-Qorti kif allura preseduta, izda anka mill-procediment innifsu fejn il-kariga tieghu giet implicitament accettata mill-kontendenti.

Trattat il-meritu huwa sinifikattiv li jigi puntwalizzat li t-termini tac-citazzjoni huma ben delinjati fis-sens illi t-talba tal-attur hija kjarament cirkoskritta ghax-xoghol li esegwixxa l-attur li kien jimporta tahmil u skavazzjoni fic-cimiterju tal-Parocca tax-Xewkija maghrufa bhala "tal-Barmil" fl-istess Xewkija. Dawn huma t-termini tat-talba tal-attur mil-liema l-Qorti ma tistax tiddiskosta minnhom. Xoghol barra minn dan deskritt ma jidholx fl-ambitu ta' din il-kawza. L-attur qieghed jirreklama pagament bilancjali ta' elf seba' mija disgha u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1799.25) ghal dan ix-xoghol.

Il-konvenut qieghed jopponi t-talba u eccepixxa l-hlas u f'kull kaz li l-azzjoni hija milquta bi preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili. A bazi ta' dan l-artikolu, s-sub-inciz (a) tieghu jiddisponi illi huma milquta b'dan it-terminu ta' preskrizzjoni, fost ohrajn, l-azzjonijiet tal-bennejja. F'dan il-kuntest il-kwesit li jigi post hu jekk ix-xoghol li ghamel l-konvenut jaqax taht il-mansjonijiet ta' bennej jew ghandux jigi kunsidrat li hu xoghol ta' "kuntrattur ta' bini jew ta' xoghlijiet ohra ta' gebel jew materjal iehor" fejn allura l-preskrizzjoni hi ta' terminu itwal, senjatament sentejn, li pero' mhux qed tigi invokata, b'daqstant li l-Qorti ma tistax tikkunsidraha f'kaz li hija din l-ahhar preskrizzjoni li hi applikabbli. Issa m'ghandux ikun hemm dubbju li x-xoghol li tqabbad jaghmel l-attur jirrikjedi ingenji ta' gaffa u xort'ohra li huma aktar konfacenti ma' xoghol li jaghmel kuntrattur. Anka x-xoghol fih innifsu huwa konformi ma'

dak intrapriz minn kuntrattur. Fuq daqshekk, ghalhekk, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi respinta stante li dik invokata ma tapplikax ghall-kaz.

Ezaminata l-eccezzjoni tal-hlas eccepit mill-konvenut dak li jirrizulta mill-provi hu li ghal dak x-xoghol, prettament meritu tal-kawza, l-attur qieghed jippretendi hlas ta’ tlett elef hames mija erbgha u erbghin lira Maltin  u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3544.25).   Mill-kontijiet esebiti, folio 11 u 12, jidher fic-car li l-bilanc rikjest mill-attur, ossija l-ammont bilancjali ta’ elf seba’ mija disgha u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1799.25), hu proprjament dak li l-attur jippretendi tax-xoghol kollu li hadem ghall-konvenut wara li titnaqqas l-ammont ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3000) li hu rceva permezz ta’ cekk fis-16 ta’ Awissu 1994 esebit dok.  Z folio13.   Pero’, kif gja nghad, l-attur f’din il-kawza, illimita t-talba tieghu ghal xoghol specifiku rigwardanti tahmil u skavazzjoni fic-cimiterju tal-Parocca tax-Xewkija, u dana ghamlu ghad-esklusjoni ta’ kull xoghol iehor li jidher kien ben distint u mhux relatat ma’ dan ta’ l-ahhar. Fil-kuntest ta’ dan m’hemm xejn li juri li l-konvenut imputa l-pagament ta’ tlett telef lira, kif fuq spjegat, ghal xi dejn partikolari anzi stqarr fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, akkompanjanti n-nota tal-eccezzjonijiet, li hu jippretendi li hallas lill-attur ‘tax-xoghol kollhu li ghamillu l-attur. Ghalhekk, f’dan l-istadju, ghandu issa jigi ezaminat, fid-dawl ta’ dak li rrelata l-perit tekniku nominat, kemm kien il-valur tax-xoghol esegwit u attinenti ghat-talba tal-attur f’din ic-citazzjoni u konsegwentement, u jekk il-kaz, jigu applikati r-regoli provduti fil-Kodici Civili dwar l-imputazzjoni tal-hlas.

Illi b’verbal tas-seduta tal-11 ta’ Settembru 1997, redatta quddiem l-perit legali (folio 49), gie ‘inter alia’ miftiehem bejn il-partijiet li ghandu jigi stmat u mkejjel ix-xoghol ta’ thammil ta’ trab u qtugh tal-blat li sar fic-cimiterju tax-Xewkija u dana “bil-prezz li jistabilixxi l-Perit Dimech bhala l-prezz kurrenti f’dak iz-zmien ghal dak ix-xoghol, oltre li jitkejjel il-qtugh ta’ blat fl-istess cimiterju u l-perit jistma l-prezz dejjem ‘a bazi tal-prezzijiet kurrenti ta’ meta sar ix-xoghol’.   Mir-relazzjoni tal-perit (folio 38) it-total ghal dan ix-xoghol gie stmat fis-somma ta’ elfejn u sitta u ghoxrin

lira Maltin u disghin centezmu (Lm2026.90). Konsegwentement, li jonqos hu li jigu applikati r-regoli annoverati fil-Kodici Civili dwar l-imputazzjoni tal-hlas sabiex tigi determinata s-somma dovuta lejn l-attur.

Illi dwar dan, mehud in konsiderazzjoni li l-partita ta’ tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) li tidher fil-kont folio 12 mhix gustifikata, u li ghal dak li hu l-kont ta’ varji partiti dak deskritt bhala ‘tahmil tal-gandott 540 pied jimxi’ ghandu jigi emendat ghal sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm633) kif irrelata l-Perit nominat, u stante li m’hemm ebda hjiel li jindika l-ghala dejn wiehed ghandu jigi preferut minn iehor fuq xi kriterju guridiku skond ir-regoli li jorbtu l-imputazzjoni tal-hlas daqstant li d-djun ghandhom jitqiesu ta’ kundizzjoni wahda u l-imputazzjoni applikata pro rata, hi l-fehma ta’ din il-Qorti li l-ammont dovut lill-attur ghandu jkun ta’ elf mija u seba’ liri Maltin (Lm1107) li fuqu ghandu jiddekorri imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-effettiv pagament.

Taqta’ u tiddeciedi ghalhekk li tilqa’ l-ewwel talba attrici limitatament fis-somma ta’ elf mija u seba’ liri Maltin (Lm1107) u tilqa’ konsegwetement it-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm1107 bl-imghax mill-prezentata tac-citazzjoni sal-effettiv pagament.

In kwantu ghall-ispejjez tordna li ghandhom jigu sopportati kwantu ghal-terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------